**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 226/2019 RM**

**No Deposit Cars Malta Limited (C 85780)**

**-Vs-**

**Liviu Alexandru Maxim (ID 202123A)**

**Illum,**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat nhar il-11 ta' Ottubru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lilha s-somma ta' hdax-il elf, mija u tletin ewro (€11,130) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont hu rapprezentanti l-hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura Ford Focus HBW 287, liema vettura giet akkwistata mill-konvenut permezz ta' kuntratt 'hire and purchase' bejn il-partijiet datat 6 ta' Novembru, 2018, kopja tieghu annessa mal-avviz.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 1936/19 datat 11 ta' Ottubru 2019 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza permezz tal-procedura tal-affissjoni[1] u l-pubblikazzjoni[2] hekk kif ordnat li jsir permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Novembru 2019, baqa' ma deherx biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici;

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2020 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut[3].

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2020 il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas milli jidher biex iwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda ta' Luke Milton fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021 u rat id-dokumenti esebiti u l-provi kollha;

Rat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi f'din il-kawza minkejja li nghata l-opportunita` li jaghmel dan fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2021 ;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tas-socjeta` attrici fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Fol. 11.
[2] Fol. 12 u 14.
[3] Fol. 18.

Illi b'din l-azzjoni is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni HBW-287 li giet konsenjata lill-konvenut taht titolu ta' *hire purchase*, skont ftehim konkluz fis-6 ta' Novembru 2018.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020, il-konvenut wara li gie debitament imsejjah, naqas milli jidher ghas-subizzjoni. Skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[4] , in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[5] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[6], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn :-

"*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

---

[4] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.

[5] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.

[6] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, oltre ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, il-kumpannija attrici ressqet kopja tal-ftehim ta' *hire-purchase* datat 6 ta' Novembru 2018 li permezz tieghu l-konvenut akkwista minghand is-socjeta` attrici l-vettura HBW-287 taht titolu ta' *hire-purchase*, u ntrabat illi jhallas il-prezz ta' €12,600 permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' €210 li kellhom jithallsu fis-sitt gurnata ta' kull xahar. Ix-xhud Luke Milton, manager tas-socjeta` attrici li xehed fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021, ikkonferma illi wara li hallas biss ftit pagamenti mensili[7], il-konvenut ma baqax ihallas skont il-ftehim, bil-konsegwenza illi huwa dovut minnu bilanc fuq il-prezz tal-vettura fis-somma ta' €11,130. Ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu illi l-konvenut kien qallu biex jigi jigbor il-vettura u hekk ghamel. Illum il-vettura tinsab fil-pussess tas-socjeta` attrici izda ma ghadhiex f'kundizzjoni tajba ghaliex meta ngabret minghand il-konvenut, din kienet « kollha daqqiet »[8].

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna ghall-hlas tal-ammont bilancjali dovut fuq il-vettura, tinsab imsejsa fuq il-klawsoli 7.1 u 7.2 tal-ftehim tas-6 ta' Novembru 2018, li jaghtu jedd lis-sid, ossia s-socjeta` attrici, illi fost affarijiet ohra jitlob il-hlas immedjat tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura f'kaz *inter alia* ta' "*default on the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect* [*sic.* effect] *payment.*"

Kif afferma Luke Milton fix-xhieda tieghu, il-konvenut baqa' ma hallasx il-pagamenti minnu dovuti skont il-ftehim u konsegwentement, jirrizulta illi kien hemm morozita` li, bl-applikazzjoni tal-klawsola 7 tal-ftehim, taghti lok ghall-jedd ghall-hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura konsenjata lill-konvenut.

---

[7] Statement Dok. LM1.

[8] Xhieda Luke Milton tat-3 ta' Marzu 2021.

Il-Qorti tosserva illi skont il-klawsola 7.2 u 7.2.1 tal-istess ftehim ta' *hire purchase*, il-morozita` tal-Hirer (f'dan il-kaz, il-konvenut) fil-pagamenti tal-prezz tal-vettura, twassal ghat-terminazzjoni ipso iure [*sic. ipso facto*] tal-kuntratt, f'liema kaz is-socjeta` attrici tkun intitolata, bhala s-sid tal-vettura, li titlob u tikseb ir-restituzzjoni immedjata tal-pussess fizika tal-vettura. Huwa sinjifikanti wkoll li gie miftiehem fl-istess skrittura, dejjem skont il-klawsola 7.2, illi f'kaz ta' restituzzjoni tal-pussess tal-vettura lis-socjeta` attrici, huwa rizervat lilha d-dritt li titlob il-hlas tad-differenza bejn il-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura skont il-ftehim, u l-prezz tal-vettura wara li din terga' tinbiegh presumibbilment, lil terzi.

Ikkunsidrat;

Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta mix-xhieda ta' Luke Milton illi l-konvenut naqas milli jhallas puntwalment il-pagamenti mensili dovuti kif pattwit fil-ftehim u konsegwentement is-socjeta` attrici kellha d-dritt li titlob il-hlas tal-bilanc kollu dovut minghand il-konvenut. Ma ngabitx prova illi effettivament, is-socjeta` attrici kienet interpellat lill-konvenut ghall-hlas tal-bilanc ai termini tal-klawsola 7.2 tal-ftehim **qabel** ipprezentat ir-Rikors promotur ta' din il-kawza. Madanakollu u f'kull kaz, jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien ghazel huwa stess minn jeddu li jirritorna l-pussess tal-vettura lis-socjeta` attrici qabel l-intavolar ta' dawn il-proceduri u konsegwentement, il-Qorti tqis illi anke f'dan il-kaz, l-istess effett ravvizat mill-klawsola 7.2, cioe` t-terminazzjoni *ipso facto* tal-ftehim ta' hire purchase, skatta bl-istess mod meta l-konvenut irritorna l-vettura fizikament lis-socjeta` attrici.

Il-fatt illi l-vettura giet konsenjata lura lis-socjeta` attrici li ghadha tinsab fil-pussess tal-vettura sal-lum[9] - liema pussess del resto, kellha kull dritt li tiksbu fin-nuqqas ta' hlas bis-sahha tal-applikazzjoni tal-klawsola 7.2. u 7.2.1 tal-ftehim - ifisser illi s-socjeta` attrici akkwistat ukoll il-jedd "*to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle*

[9] Kif affermat minn Luke Milton fix-xhieda tieghu.

*as resold after possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any charges or fees and interest accrued.*"

Ghalhekk, filwaqt li l-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` attrici ghandha jedd, minhabba l-morozita` tal-konvenuta fil-hlas tar-ripagamenti mensili ai termini tal-klawsola 7.1 tal-ftehim, ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura, madanakollu, dan il-bilanc, b'applikazzjoni tal-klawsola 7.2 tal-ftehim, ghandu jitfisser bhala **d-differenza bejn il-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura u l-prezz rikavat mill-bejgh tal-vettura lil terzi**. Il-Qorti tqis illi s-socjeta` attrici, galadarba giet reintegrata fil-pussess tal-vettura li taghha hija wara kollox is-sid licenzjat[10], ghandha jedd ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz mhux imhallas, **wara** li jitnaqqas minn dan il-bilanc il-valur tal-vettura u mhux tal-bilanc kollu dovut u ghandha timxi skont dak li gie pattwit fil-klawsola 7.2 billi l-ewwel tinbiegh il-vettura u mbaghad ikun dovut lilha minghand il-konvenut dak l-ammont li jifdal wara li jitnaqqas ir-rikavat minn dan il-bejgh.

Dan qed jinghad mhux biss ghaliex din hija l-interpretazzjoni korretta tal-klawsoli relevanti tal-ftehim ta' *hire-purchase*, izda wkoll ghaliex galadarba jirrizulta illi l-vettura giet ritornata lis-socjeta` attrici u tinsab fil-pussess taghha, jekk tintlaqa' t-talba taghha ghall-hlas tal-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura, kif del resto minnha mitlub f'dawn il-proceduri, hija tkun qieghda evidentement tarrekkixxi ruuha indebitament a skapitu tal-konvenut u l-Qorti trid tara li dan ma jsirx, **minkejja u irrispettivament mill-konfessjoni tal-konvenut ghat-talba fir-Rikors promotur li giet ipprovokata min-nuqqas tieghu milli jwiegeb ghall-kaptiolu ghas-subizzjoni tieghu**.

Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex is-socjeta` attrici tithallas id-differenza **bejn il-bilanc tal-prezz mhux imhallas skont il-ftehim, cioe` s-somma ta' hdax-il elf mija u tletin Euro (€11,130) u r-rikavat mill-bejgh tal-vettura**. Wara kollox, din il-Qorti bhala l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandha s-setgha, skont l-Artikolu 213 tal-Kapitolu 12 illi f'kaz li ma tiġix ippruvata t-talba kif

[10] Ara Dok. TM4, fol. 49 u 50.

imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor, għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, hija tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors.

Ikkunsidrat finalment;

Kwantu ghall-imghax, billi ma jirrizultax illi l-obbligazzjoni hija wahda kummercjali anke ghaliex kif diga` nghad, l-azzjoni odjerna m'hijiex wahda ta' natura kambjarja, dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenut a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili. Izda, f'dan il-kaz, billi ma giet esebita l-ebda interpellazzjoni ufficjali, il-Qorti tqis illi l-konvenut gie interpellat ufficjalment ghall-ewwel darba ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza bil-prezentata tar-Rikors promotur fil-11 ta' Ottubru 2019.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, abbazi tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici biss limitatament fis-sens hawn deciz u dan billi tordna qabel xejn il-bejgh immedjat tal-vettura HBW-287 Ford Focus taht l-awtorita` tal-Qorti u billi tikkundanna lill-konvenut LIVIU ALEXANDRU MAXIM ihallas lis-socjeta` attrici No Deposit Cars Malta Limited, l-ammont rapprezentanti d-differenza bejn is-somma ta' hdax-il elf mija u tletin Euro (€11,130.00) u r-rikavat mill-bejgh tal-imsemmija vettura kif appena ordnat, u bl-imghax mill-11 ta' Ottubru 2019 fuq is-somma rizultanti.**

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**